# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Frar, 2017**

**Talba Nru: 496/2016 PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Sara Louise Williams**
**(ID 0067987A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 t'Ottubru, elfejn u sittax (2016) illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u disgha u tletin ewro u disgha u tmenin centezmi (€939.89) in konnessjoni ma' servizz elettroniku ta' komunikazzjoni maghruf bhala 'Limitless 99' li gie prestat mis-socjeta' attrici lill-konvenuta fuq l-akkont li jgib in-numru AC40377305 liema somma l-intimata baqghet ma hallsitx minkejja diversi interpellazzjonijiet, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezenti rikors kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Illi l-konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tas-16 ta' Frar, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz odjern inkluzi l-affidavit ta' Charmaine Wiffen (a fol. 8 tal-process) u l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-16 ta' Frar, 2017 u fil-fatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa' mija u disgha u tletin ewro u disgha u tmenin centezmi (€939.89) in konnessjoni ma' servizz elettroniku ta' komunikazzjoni maghruf bhala 'Limitless 99' li gie prestat mis-socjeta' attrici lill-konvenuta bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezenti avviz kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**